Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Numru 435/2005

**Mark Cassar**

**vs**

**Paul Cutajar**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mitejn u hamsin Lira Maltin (LM4,250.00,0), ammont komplessiv lilu misluf li baqa' ma thallasx lura minkejja li hu dovut, u dan in kwantu ghas-somma ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin, (LM2,500.00,0), lilu mislufa nhar it-23 ta' Novembru tas-sena 2004 u in kwantu ghas-somma ta' elf, seba' mija u hamsin Lira Maltin, (LM1,750.00,0), lilu mislufa nhar l-4 ta' Frar tas-sena 2005;**

**Bl-ispejjez u nteressi legali kontra l-konvenut Paul Cutajar li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-16 ta' Mejju tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur Mark Cassar bl-ispejjez kontra l-konvenut Paul Cutajar.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------